**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 85/00JR**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali**

**vs**

**Alison Xuereb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Jannar, 2000, fejn intqal:**

**Illi l-konvenuta Alison Xuereb kienet studenta fil-Junior College;**

**Illi matul dan il-perijodu hija rceviet stipendi indebitament ghal perijodu bejn Ottubru 1998 u Jannar 1998;**

**Ghaldaqstant il-konvenuta ghandha tirrifondi lid-Dipartiment is-somma ta' mija tnejn u disghin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm192.98);**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 t'Awissu, 1999.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-22 ta' Frar, 2000, fejn intqal:**

**Illi l-konvenuta Alison Xuereb kienet studenta fil-Junior College bejn Ottubru, 1998 u Jannar, 1999;**

**Ghaldaqstant l-istipendju li hija rceviet f'dan il-perjodu kien dovut lilha;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Mary Azzopardi, Joan Azzopardi, Joseph E. Vella u Alison Xuereb. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz jirrigwarda talba ghall-stipendi imhallsa lill-konvenuta, li din ghandha tirrifondi peress li ma kienetx qed tattendi regolarment il-Junior College kif rikjest.**
2. **L-istipendju li qed jintalab li jig rifux huwa dak mill-1 ta' Novembru, 1998 sal-ahhar ta' Frar, 1999, skond ma kkonfermat Mary Azzopardi, principal ghall-istipendji tal-Junior College.**

3. **Jirrizulta li l-avviz legali 132/96 jipprovdi li jekk student ma jattendix regolarment jitlef il-jedd ghall-istipendju.**

4. **Jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-istess Mary Azzopardi, li kienu kitbu lill-konvenuta u intbghatu reminders, pero` baqghu minghajr risposta.**

5. **Skond ma xehed Joseph Vella, Assistant Registrar ta' l-Universita` u Registrar tal-Junior College, il-konvenuta kienet iddahlet fis-sena 1997 u giet promossa. Fit-tieni sena irrizulta li l-konvenuta ma kienetx qed tattendi regolarment, anzi falliet hafna lezzjonjiet. Hu innota li nuqqas ta' 10% fl-attendenza jitqies bhala "regular absentee". Ghalhekk hu kien bghatilha l-ittra datat 2 ta' Marzu, 1999, Dok.JV1, fejn intqal li qed tigi konfermata r-risenja taghha minn Ottubru, 1998.**

6. **Bhala fatt jirrizulta li l-konvenuta ma attendietx regolarment, anzi kif tghid hi stess, wara Novembru kienet naqqset mill-attendenza ghax ma kienux jghogubuha s-suggetti. Il-konvenuta kienet taf li biex tkun intitolata ghall-istipendju hi kellha tattendi regolarment.**

7. **Ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mija tnejn u disghin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm192.98);**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 t'Awissu, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**